MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 15/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Schembri**
**Carmelo Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Schembri u Carmelo Bartolo talli fis-6 ta' Diembru 2004 u fix-xhur ta' qabel, fil-Marsa, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) fil-fond Monalisa Bar li jinsab fi Triq it-Tigrija Marsa, liema fond ma huwiex licenzjat taht l-Att dwar il-Loghob, tal-Kapitolu 400 tal-Ligijiet ta' Malta jew taht l-Att dwar

Lotteriji u Loghob iehor, hadu sehem f'xi loghob ta' sogru li jintlaghab ghall-flus jew valur ta' flus, jew ippermettew l-uzu tal-post, jew inkoraggew dak il-loghob, jew ghalkemm ma kinux qeghdin jiehdu sehem f'xi loghba llegali, kienu siehba ta' xi gugatur f'xi loghba bhal dik, jew li kienu prezenti filwaqt li kienet qeghda ssir xi loghba bhal dik;

(2) fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi fethu u haddmu kazino u cioe` mill-fond Monalisa Bar li jinsab fi Triq it-Tigrija, Marsa, minghajr licenzja mahruga mill-awtoritajiet kompetenti;

(3) fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, operaw, ippromovew, bieghu jew ippartecipaw fl-imsemmi fond, cioe`, Monalisa Bar li jinsab fi Triq it-Tigrija, Marsa jew b'xi mod ghenu jew hajjru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob fuq ir-rizultati ta' xi loghob li kien legittimament organizzat barra minn Malta u dan minghajr l-approvazzjoni bil-quddiem u bil-miktub ta' l-Awtorita` kkoncernata;

(4) fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, ghamlu jew ippruvaw jaghmlu jew b'xi mod kellhom x'jaqsmu ma' l-ghemil ta' x'imhatra maghduda li ghandha x'taqsam ma' xi loghba, sport jew grajja f'Malta jew x'imkien iehor, jew li kienu prezenti fil-post fejn kienet qed issir x'imhatra bhal dik;

(5) fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, iggestew il-fond Monalisa Bar, li jinsab fi Triq it-Tigrija, Marsa, bhala post kummercjali minghajr il-licenzja ta' l-awtorita' kompetenti.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmijin persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna l-konfiska tal-oggetti u l-flejjes kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tordna r-revoka tal-licenzji mahruga fuq il-fond Monalisa Bar li

jinsab fi Triq it-Tigrija, Marsa, kif ukoll licenzji ohra li l-persuni jista' jkollhom fuq isimhom;

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Jannar 2009, li permezz taghha dik il-Qorti, fuq talba tad-difiza ghal-liberatorja ta' l-imsemmijin Raymond Schembri u Carmelo Bartolo, ordnat il-liberazzjoni taghhom;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-27 ta' Jannar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok tghaddi biex tiddisponi minn dan il-kaz skond il-ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Rat il-pregudizzjali sollevati mid-difensuri ta' l-appellanti fis-sens illi r-rikors ta' l-Avukat Generali ma jikkonformax mal-ligi peress illi (1) il-fatti fil-qosor ma jirrigwardawx il-kaz *per se* izda dak li gara sussegwentement; (2) l-aggravji mhumiex koncizi u diretti u mhumiex indikati b'mod car; (3) it-talba mhijiex korretta peress illi l-Avukat Generali kellu jitlob li tigi annullata s-sentenza u l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti;

Rat ir-risposta ta' Dott. Jason Grima ghall-Avukat Generali fis-sens illi t-talba hi konformi mal-ligi ghax il-Kodici Kriminali jrid li fir-rikors ikun hemm talba ghar-revoka jew riforma tas-sentenza; l-istess Kodici ma jipprovdix li l-aggravji jridu jkunu enumerati; u l-fatti fil-qosor stante li l-appell jirrigwarda difett fil-procedura, gew cirkoskritti f'dan is-sens.

L-artikolu 419 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

**"419(1): Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji, ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita` -**

**(a) il-fatti fil-qosor;**
**(b) ir-ragunijiet ta' l-appell;**
**(c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri."**

Il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti hi fis-sens li dejjem giet dikjarata n-nullita` ta' appell jekk il-vot tal-ligi fl-imsemmi artikolu ma jigix osservat skrupolozament. Jigifieri meta ma jkunx gie osservat xi wiehed jew aktar mill-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 419, dan igib bhala konsegwenza li r-rikors ta' appell ikun null. U n-nullita` hija anki sollevabbli *ex officio* mill-Qorti, essendo dik id-disposizzjoni u dawk ir-rekwiziti ta' ordni pubbliku.[1]

Issa, fil-kaz in ezami din il-Qorti osservat li l-paragrafu dwar il-fatti fil-qosor ma jsemmi xejn dwar il-fatti li taw lok ghall-proceduri kontra l-appellati izda jirreferi ghall-fatti li sehhew quddiem l-ewwel Qorti u li minhabba fihom l-Avukat Generali dehrlu li kellu jappella. Effettivament f'dan il-kaz l-unici fatti li ghalihom l-Avukat Generali seta' jirreferi kienu proprju dawk il-fatti li sehhew quddiem l-ewwel Qorti peress illi ma nstemghux provi quddiem dik il-Qorti u allura ma kienx hemm fatti ohra li seta' jirreferi ghalihom. Ma kienx zgur il-kaz li jerga' joqghod jirrepeti l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati peress illi b'daqshekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi. Ghalhekk l-ewwel pregudizzjali qieghed jigi michud.

Kwantu ghall-aggravji, huwa ovvju li l-aggravji huma tnejn: l-ewwel aggravju li l-ewwel Qorti ma semghetx ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u t-tieni aggravju li *in criminalibus* ma tistax tintalab il-liberatorja. Huwa minnu li l-osservazzjonijiet ta' l-Avukat Generali dwar l-ewwel aggravju huma xi ftit jew wisq *rambling*. Izda dan ma jaghmilx ir-rikors null. Ghalhekk anke it-tieni pregudizzjali hu michud.

---

[1] Ara, per ezempju, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Stephen Zammit**, 27 ta' Novembru 2008; **Il-Pulizija v. Lewis Muscat**, 31 ta' Awissu 2006 ; **Il-Pulizija v. Mario Camilleri**, 3 ta' Dicembru 2001; **Il-Pulizija v. Joe Borg**, 21 ta' Lulju 1995.

It-tielet pregudizzjali jirrigwarda t-talba ta' l-Avukat Generali. Skond l-artikolu 419(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talba ghandha tkun "ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri". L-Avukat Generali talab li din il-Qorti "thassar u tirrevoka s-sentenza appellata". Mela t-talba, fid-dawl tal-premessi kollha fir-rikors, hi korretta. Tajjeb hawn li wiehed ifakkar dak li gie ritenut fis-sentenza **Henriette Mifsud Bonnici v. Maurice Mifsud Bonnici** moghtija fl-20 ta' Lulju 1951 (Vol. XXXV.iv.747) fis-sens li mhux necessarju li jigu uzati ezattament il-kliem "tahsir" jew "tibdil" fit-talba tar-rikors u hu sufficjenti jekk jigu uzati kliem bhal "tirrevoka" jew "tannulla" li jfissru l-istess bhal "thassar" jew "tahsir". Infatti fil-prassi ta' din il-Qorti, il-kliem "thassar", "tirrevoka" u "tannulla" huma uzati b'mod indiskriminat proprju ghax ifissru bazikament l-istess haga. Hekk ukoll il-kliem "tvarja", "tbiddel" u "tirriforma"[2].
Kwantu mbaghad ghall-fatt li l-Avukat Generali ma talabx li din il-Qorti tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti, dan mhuwiex rikjest mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad il-pregudizzjali kollha sollevati mid-difiza u tordna l-prosegwiment tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Ara f'dan is-sens Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph John Agius**, 9 ta' April 2003.